**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Il-Hamis 13 t'Awwissu 2020

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 17

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 17 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 20 t'Awwissu 2020 fl-16:00.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

17.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
17.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
17.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
17.5 Rapporti;
17.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
17.7 Aġġornament dwar Miżura 4.4 – Ħitan tas-Sejjieħ fiż-Żona ta' Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena;
17.8 Aġġornament dwar l-Iskema tal-Harsien tal-Annimali mill-Kunsilli Lokali;
17.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
17.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tas-17-il Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar il-Ħamis 20 t'Awwissu 2020 fl-16:00 fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-18:30.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR (preżenti fl-uffiċċju) |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja (Zoom) |
| Kunsilliera | Marion Parnis (Zoom) |
| Kunsillier | Charles Zerafa (Zoom) |
| Kunsillier | Daniel Farrugia (preżenti fl-uffiċċju) |
| Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ | Gabriel Camilleri (Zoom) |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon (preżenti fl-uffiċċju) |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

17.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

17.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija x'tinqara.

17.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

17.2.1 Il-Minuti tal-15-il Laqgħa u s-16-il Laqgħa (laqgħa b'urġenza) tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja.

17.2.2 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 17.3, 17.4 u 17.5 jiġu diskussi wara Minuta 17.8 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

17.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

17.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li x-xogħol miexi u s-saqaf tal-ewwel sular jinsab fl-aħħar fażi tiegħu.

17.6.2 Qal li tkellem dwar il-proposta tal-Viċi Sindku li jitnaddaf l-irdim li hemm fiż-żona, u li bħalissa qiegħed fuq in-naħa fejn ġej il-bandli.

17.6.3 Spjega kif il-Perit qiegħed jipprova li l-fażi li jmiss tkun billi ċ-Ċentru Ċiviku u l-bandli jkunu għaddejjin bix-xogħolijiet ras imb ras.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

17.6.4 Barra minn hekk, tlabna lill-Perit sabiex jagħtina stima ta' kemm ser jiġi jiswa x-xogħol tal-bandli għaliex jista' jkollna sponsorhip, imma dwar dan nitkellmu fil-laqgħat li ġejjin.

## 17.7 AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA 4.4 – HITAN TAS-SEJJIEH FIŻ-ŻONA TA' MISRAH IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA

17.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li x-xogħol miexi teoretikament, imma fil-verità ninsabu weqfin.

17.7.2 Filwaqt li għandna l-permessi kollha f'idejna, anke mingħand is-Sovvratindenza tal-Wirt Kulturali, qegħdin nistennew lill-kuntrattur sabiex ikompli x-xogħolijiet imma bħalissa kulħadd ikun bix-shutdown u allura rridu nistennew sal-aħħar t'Awwissu biex nibdew naraw xi moviment.

## 17.8 AĠĠORNAMENT DWAR L-ISKEMA TAL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI MILL-KUNSILLI LOKALI

17.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-ikel beda jitqassam wara li għalqet is-sejħa għall-kwotazzjonijiet u kulma kellna kwotazzjoni waħda.

17.8.2 Tkellem dwar is-sejħa għall-kwotazzjonijiet tat-tiswija tal-qtates, u qal li b'kollox kellna erba' kwotazzjonijiet.

17.8.3 Wara li kien spjegat x'kienu l-ammonti, is-Sindku ppropona li għandna nagħżlu lil Qormi Veterinary Clinic, filwaqt li l-Kunsilliera Marion Parnis issekondat.

17.8.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 17.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

17.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li fil-Ġnien Dama Cecilia Pick (Ġnien tal-Warda) sar xi tagħmir t'eżerċizzju mingħand Sport Malta, u dan ser

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jiġi inawgurat fil-jiem li ġejjin.

17.3.1.1 Qal li barra dan il-proġett, issa ser jinbeda l-proġett ta' tisbiħ ta' dan il-Ġnien fejn ser jiġi rranġat il-bandli.

17.3.1.2 Spjega kif ilbieraħ saret laqgħa bejn il-kuntrattur li rebaħ it-tender, il-Perit tal-Kunsill Lokali u r-rappreżentanza tal-Kunsill Lokali.

17.3.1.3 Qal li ġaladarba it-tagħmir jintbagħat mill-Ingilterra, jinbeda x-xogħol billi jinqala' t-tagħmir preżenti flimkien mal-art, filwaqt li ż-żona tkun imdawra sabiex ikun hemm sigurtà sħiħa.

17.3.1.4 Fisser kif b'kollox ix-xogħol ser idum madwar erba' ġimgħat minn meta jinbeda.

17.3.2 Is-Sindku tkellem dwar id-dawl ta' Wied iż-Żurrieq u qal li waslu l-bozoz li ser jinbidlu f'din iż-żona.

17.3.2.1 Spjega kif l-aħjar ħaġa tkun li dawn jinbidlu għal Settembru u mhux bħalissa, minħabba li l-istaġun turistiku għadu għaddej.

17.3.3 Is-Sindku tkellem dwar il-Ġnien tal-Kmand u qal li kien hemm Miżura tal-GAL Xlokk, fejn stajna nieħdu sa €62,000, imma għal darbtejn kellna nirtiraw l-applikazzjoni minħabba li ltqajna m'intoppi li kultant qas biss stennejnihom.

17.3.3.1 Qal li did-darba konna ser napplikaw sabiex nirranġaw xi affarijiet żgħar fil-Ġnien tal-Kmand, konna ser nibdlu l-planters li hemm fuq iz-zuntier tal-Kappella tas-Salvatur, kif ukoll nibdlu xi bankijiet eżistenti.

17.3.3.2 Fisser kif sibna oppożizzjoni mingħand is-Sovvratindenza tal-Wirt Kulturali u għaldaqstant kellna nerġgħu nħallu kollox fil-ġenb.

17.3.3.3 Is-Sindku qal li ngħatajna l-parir sabiex indaħħlu applikazzjoni sħiħa l-Awtorità tal-Ippjanar sabiex il-Ġnien tal-Kmand jiġi msebbaħ kif jixraqlu.

17.3.3.4 Qal li din l-applikazzjoni ser tiġi tiswa ħafna u ħafna flus, imma jekk kemm-il darba dan il-Ġnien irridu nieħdu ħsiebu, bilfors li rridu

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

nagħmlu xi ħaġa simili.

17.3.3.5 Fisser li jekk ikollna l-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar f'idejna, allura nkunu nistgħu aktar napplikaw faċilment għal Miżuri li jinħarġu minn żmien għal żmien.

17.3.3.6 Spjega wkoll li ltqajna mal-Ministru għat-Turiżmu u l-Protezzjoni tal-Konsumatur Julia Farrugia Portelli fl-istess Ġnien, u jidher li ser insibu għajnuna fuq affarijiet żgħar u modifiċi li jistgħu jsiru f'dan l-istess Ġnien.

17.3.3.7 Kemm Ambjent Malta, l-Environmental Landscapes Consortium u l-Cleansing Services Department ser ikunu parti minn dan il-proġett.

17.3.3.8 Mistoqsi mill-Kunsillier Charles Zerafa jekk hemmx ħsieb li dan il-Ġnien jerġa' jinfetaħ għall-pubbliku kuljum, is-Sindku wieġeb li dik hi x-xewqa, imma qabel iridu jiġu rranġati xi affarijiet fl-istess Ġnien li jistgħu jkunu ta' periklu għall-pubbliku.

17.3.3.9 Is-Sindku ppropona li għandna ndaħħlu applikazzjoni l-Awtorità tal-Ippjanar, bil-Viċi Sindku Patrick Bugeja ssekonda.

17.3.3.10 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament.

17.3.4 Is-Sindku tkellem dwar il-pubblikazzjoni ta' Torri Xutu u qal li dan issa tlesta u jinsab fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

17.3.4.1 Qal li dan inkiteb minn Dr Farrugia Randon u issa rridu naraw meta ser iniedu din il-pubblikazzjoni.

17.3.4.2 Spjega kif 500 kopja ser jingħaddu lil Din l-Art Helwa sabiex ikunu jistgħu jitqassmu lil dawk li jżuru Torri Xutu, kif ukoll ser titqassam pubblikazzjoni lill-istudenti tal-Iskola Primarja.

17.3.4.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li kieku nipposponu t-tnedija tal-pubblikazzjoni, minħabba s-sitwazzjoni tal-pandemija tal-Covid-19.

17.3.4.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

17.3.5 Is-Sindku tkellem dwar is-sitwazzjoni f'Wied iż-Żurrieq u qal li f'din iż-żona għandna problemi kbar.

17.3.5.1 Semma' kif tal-ħwienet qed joħorġu mwejjed u siġġijiet fejn ġie ġie, u kulħadd jipprova jakkwista biċċa meta mhux suppost.

17.3.5.2 Qal li saħansitra tneħħa parking għall-persuni b'diżabilità biex minfloku sar parkeġġ riservat għal bżonnijiet oħra.

17.3.5.3 Spjega kif tkellimna ma' Transport Malta dwar dan il-parkeġġ, u ser jerġa' jsir għal persuni b'diżabilità.

17.3.6 Is-Sindku tkellem dwar l-isleeping policemen fi Triq San Mattew, u qal li s'issa għad ma kellux risposta mingħand Transport Malta fejn ser isiru f'din it-triq.

17.3.7 Is-Sindku tkellem dwar tliet applikazzjonjiet għal parkeġġ riservat li l-Kunsill Lokali għandu quddiemu.

17.3.7.1 Qal li l-parkeġġi riservati mitluba huma fi tliet toroq differenti tal-lokalità, wieħed fi Triq il-Parroċċa, ieħor fi Triq is-Salvatur u ieħor fi Triq Monsinjur Ġużeppi De Piro.

17.3.7.2 Spjega kif ġaladarba l-Kunsill Lokali jikkonferma li m'għandu l-ebda oġġezzjoni li jsiru dawn il-parkeġġi riservati, nibagħtu lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

17.3.7.3 Is-Sindku ppropona li għandna napprovaw dawn it-talbiet filwaqt li l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda.

17.3.7.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament.

17.3.8 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza li rċevejna miċ-Ċentru ta' Riżorsi Helen Keller dwar il-ftuħ tal-Librerija Pubblika.

17.3.8.1 Qal li l-korrispondenza tistaqsi jekk hux ser jinżammu l-istess ħinijiet tal-ftuħ tal-Librerija Pubblika jew inkella dawn humiex ser jinbidlu matul is-sena.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

17.3.8.2 Spjega li ċ-Ċentru ta' Riżorsi fil-preżent qiegħed ifassal it-timetable tal-istudenti, u jekk kemm-il darba ser inżommu l-istess ħinijiet tal-ftuħ, allura ċertu lezzjonijiet li s-soltu jsiru viċin il-Librerija Pubblika jibdew isiru xi mkien ieħor minħabba s-sitwazzjoni tal-pandemija tal-Covid-19.

17.3.8.3 Is-Sindku ppropona li għandna nżommu l-istess ħinijiet u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

17.4.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja staqsa jekk wasalx iż-żmien li jkollna kontenituri tal-ħwejjeġ madwar il-lokalità.

17.4.1.1 Is-Sindku wieġeb li bħala Kunsill Lokali noffru s-servizz li r-residenti jġibu l-ħwejjeġ fl-uffiċċju u kull ħmistax jiġu jinġabru minn hawnhekk.

17.4.1.2 Qamet diskussjoni dwar għaliex m'għandniex nippruvaw li jkollna kontenitur wieħed tal-ħwejjeġ fejn hemm il-kamera tas-sigurtà.

17.4.1.3 Minbarra l-argumentazzjoni tas-Sindku, kien hemm ukoll il-Kunsillier Charles Zerafa li spjega kif fil-leġiżlatura ta' qabel ġie deċiż li l-ħwejjeġ jinġabru fil-binja tal-Kunsill Lokali.

17.4.2 Il-Viċi Sindku staqsa dwar installazzjoni t'aktar kameras tas-sigurtà fejn hemm il-Bring-In sites.

17.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li ser isiru oħrajn permezz tar-Reġjun tan-Nofsinhar, u dawn ser isiru fi Triq il-Biżantini, Triq l-Imqabba u Triq il-Fulija.

17.4.3 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2021 u qal li qed jipproponi li san isir il-Ħadd 23 ta' Mejju nkella l-Ħadd 16 ta' Mejju.

17.4.3.1 Is-Sindku wieġeb li rridu niċċekkjaw mal-Amministratur Parrokjali jekk hemmx żwiġijiet fil-Kappella ta' San Mattew u nmexxu minn hemmhekk.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

17.4.4 Il-Viċi Sindku staqsa dwar Triq it-Tempesta, qrib ir-roundabout, minħabba li hemm biċċa xifer u kull karozza qed tieħu skoss malli tgħaddi minn fuqu.

17.4.4.1 Is-Sindku wieġeb li diġà tkellem m'Infrastruttura Malta u mas-Sindku tal-Imqabba dwar dan, imma probabbli hemm bżonn jerġa' jkellimhom.

17.4.4.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi dwar id-doggy bins fil-lokalità.

17.4.4.3 Is-Sindku wieġeb li ser jiġu installati tliet doggy bins f'toroq partikolari, in-naħa tas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena.

17.4.4.4 Il-Kunsilliera Parnis staqsiet jekk nistgħux inżidu aktar doggy bins f'toroq oħra.

17.4.4.5 Is-Sindku wieġeb li ser ikun qiegħed jiċċekkja dwar dan.

17.4.5 Il-Kunsilliera Parnis staqsiet dwar il-cat shelters u jekk kienx hemm xi żviluppi dwar fejn jistgħu jiġu installati.

17.4.5.1 Is-Sindku wieġeb li s'issa għad ma kien hemm l-ebda żviluppi, u jkun tajjeb li npoġġiu bilqiegħda u niddiskutu fejn jistgħu jsiru.

17.4.6 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet dwar il-bus shelter li tneħħa fi Triq it-Tempesta.

17.4.6.1 Is-Sindku wieġeb li sal-ġimgħa li għaddiet kienu għadhom għaddejjin diskussjonijiet bejn Infrastruttura Malta u Transport Malta fejn ser isir il-bus shelter il-ġdid.

17.4.7 Il-Kunsilliera Parnis staqsiet jekk huwiex possibbli li l-bins li jinsabu fil-pjazez ewlenin tal-Qrendi jinbidlu u minflok isiru bi tliet bins separati għall-iskart.

17.4.7.1 Is-Sindku wieġeb li għandna nikkunsidraw din il-proposta, biss jista' jkun ikollna problema minħabba l-ispazju li jieħdu dawn il-bins.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

17.4.8 Il-Kunsillier Charles Zerafa tkellem dwar il-problema li għad hemm fi Triq it-Tabib Gregorio Mifsud kantuniera ma' Triq Santa Katarina minħabba l-parkeġġ.

17.4.8.1 Is-Sindku wieġeb li nerġgħu nkellmu lill-pulizija u l-Gwardjani Lokali sabiex jibdew jissorveljaw aktar din it-triq.

## 17.5 RAPPORTI

17.5.1 Il-Kunsillier Charles Zerafa tkellem dwar il-mobile application tal-Kunsill Lokali fejn spjega kif tkellem ma' kumpanija lokali u ser jerġa' jitkellem magħhom fil-jiem li ġejjin.

17.5.1.1 Qal li l-proċess li jkun imiss ikun li nġibu tliet kwotazzjonijiet, imbagħad naraw kif nipproċedu.

17.5.2 L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Gabriel Camilleri qal li l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ qiegħed joqgħod lura milli jorganizza attivitajiet minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-Covid-19.

17.5.2.1 Qal li għad hemm l-idea tal-villaġġ tal-Milied, u li forsi din l-idea ta' min wieħed jikkunsidraha, forsi tkun tista' ssir f'Diċembru li ġej.

17.5.3 L-Ambaxxatur Camilleri tkellem dwar it-tournament tal-futbol u qal li dan kien ta' suċċess kbir.

17.5.3.1 Spjega kif b'kollox ħadu sehem għoxrin tim, u allura kien hemm diversi plejers li ħadu sehem.

17.5.3.2 Semma' kif jekk jerġa' jsir darb'oħra, bħala Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ jieħdu aktar ħsieb l-indafa tal-Kumpless Sportiv ta' Qrendi FC.

17.5.4 Dwar l-e-Sports, l-Ambaxxatur Camilleri qal li jekk ser jibqgħu l-miżuri preżenti relatati mal-Covid-19, allura lejn l-aħħar t'Ottubru jkun jista' jittellgħa tournament tal-e-sports.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 17.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

17.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €54,316.05 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 08/20 u €126.08 skont il-*Petty Cash* Ref X/07.

17.9.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

17.9.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondaw din il-proposta.

17.9.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 17.10 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

17.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-18:00 u ġiet aġġornata għall-Ħamis 24 ta' Settembru fil-17:30.

______________________ ______________________

**Chris Falzon** — **Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri** — **Sindku**